22003D0017

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 17/2003

tal-31 ta' Jannar 2003

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif kien emendat permezz tal-Protokoll ji jirranġa l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2002 tat-8 ta' Novembru 2002 ([1]).

(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 113/2002 tat-23 ta' Jannar 2002 li jemenda Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 rigward reviżjoni tal-kassifikazzjonijiet ([2]) ta' spejjes skond l-għanġhandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandha tkun miżjuda mal-punt 19d (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96) ta' l-Anness XXI tal-Ftehim:

"– **32002 R 0113:** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 113/2002 tat-23 ta' Jannar 2002 (ĠU L 21, ta' l-24.1.2002, p. 3)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (KE) Nru 113/2002 fil-lingwi ta' l-Islanda u n-Norveġja, għandha tiġi ppubblikata fis-suppliment taż-ŻEE lill-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unojni Ewropea, għandha tkun awtentika.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżżjoni għandha tdħol fis-seħħ fl-1 ta' February 2003, kemm il-darba n-notifiki skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim kienu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 19, tat-23.1.2003, p. 50.
([2]) ĠU L 21, ta' l-24.1.2002, p. 3.
(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE', u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND